# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar il-Hamis tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru 2015**

**Rikors Numru 51/13 FDP**

**Tony Zarb**
**(ID 136354M)**

**vs**

**Victor Camilleri bhala editur tal-gazzetta 'il-Mument" u Samuel Grech**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ippresentat fid 19 ta' Frar 2013 fejn ir-rikorrenti, filwaqt illi ghamel referenza ghall-artikolu illi gie ppubblikat fil-harga tal-gazzetta '**Il-Mument**' fis-17 ta' Frar 2013 intitolat '***Il-GWU tahdem kontra l-interessi tal-haddiema***", talab lill-Qorti tiddikjara illi tali artikolu kien malafamanti u libelluz fil-konfront tieghu u ghalhekk talab lill-Qorti tikkundanna lill-intimati d-danni a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap 248.

Rat l-artikolu intitolat '***Il-GWU tahdem kontra l-interessi tal-haddiema***" ippubblikat fir-raba pagna tal-harga tal-gazzetta il-Mument tas-17 ta' Frar 2013, u ppresentat mir-rikorrent stess.

Rat ir-risposta ta' l-intimat Samuel Grech ippresentat fit-13 ta' Marzu 2013 fejn laqa' ghal dak mitlub billi sahaq illi t-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-intimat ma qal xejn malafamanti fil-konfront tar-rikorrent. Sahaq ukoll illi dak li qal kien jammonta ghal *value judgment* u *fair comment* kif protett mill-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-risposta ta' l-intimat Victor Camilleri ippresentata fil 25 ta' April 2013 fejn laqa' ghal dak mitlub billi sahaq illi il-pubblikazzjoni kienet espressjoni ta' opinjoni bbazata fuq datti sostanzjalment certi u li ghalhekk tammonta ghall-fair comment.

Semghet ix-xhieda ta' **Tony Zarb** moghtija fil 15 ta' Novembru 2013 kif ukoll dokumentazzjoni esebita mill-istess rikorrenti.

Rat illi fl-20 ta' Jannar 2014 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Semghet ix-xhieda in ezami u kontro ezami ta' **Samuel Grech** moghtija fit 3 ta' Ottubru 2014.

Semghet ix-xhieda ulterjuri in ezami u kontro ezami ta' Samuel Grech moghtija fl-24 ta' Novembru 2014 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat illi fit 23 ta' Marzu 2015 l-intimat Victor Camilleri iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Rat illi fil 21 ta' Mejju 2015, il-Qorti iddikjarat il-provi ta' l-intimat Samuel Grech bhala maghluqa.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tar-rikorrenti u ta' Victor Camilleri, wara liema trattazzjoni il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi l-intimat Samuel Grech kien Shop Steward mal-General Workers' Union u kien jirrappresenta lill-haddiema ta' l-Arriva li kienu membri fi hdan il-General Workers' Union.

Jirrizulta illi zmien qabel ma gie ppublikat l-artikolu meritu tal-kawza odjerna fis-17 ta' Frar 2013, l-intimat Samuel Grech kien irrizenja mil-General Workers Union u kien iffurma *House Union* flimkien ma' xufiera ohra ta' l-Arriva, u huwa kien jirrappresenta tali haddiema bhala President ta' dina l-Union.

Jirrizulta illi fl-20 ta' Settembru 2012 it-**Taqsima Marittima u Avjazzjoni** tal-General Workers Union kienet iffirmat ftehim mas-socjeta Arriva Malta Limited ghan-nom tal-haddiema kollha ta' l-istess socjeta Arriva Malta Limited fejn il-kundizzjonijiet ta' l-impjieg ta' l-istess haddiema gew miftiehma fir reqqa fi ftheim ta' sitta u ghoxirn faccata.

Jirrizulta illi l-intimat Samuel Grech, originalment kien involut fid-diskussjonijiet ta' l-istess ftehim, meta kien Shop Steward, izda eventwalment irrizenja minn tali kariga u ghalhekk ma kienx aktar involut f'tali negozjati.

Jirrizulta illi fil-15 ta' Novembru 2015, it-Taqsima Marittima u Avjazzjoni tal-General Workers Union u is-socjeta Arriva Malta Limited ghamlu ftehim addizzjonali intitolat 'One-time Addendum to GWU Pay Offer' li kien jipprovdi, fost affarjiet ohra, ghall koncessjonijet relatati ma' l-"*overtime*" u "*late running*" illi ma kienux pprovduti ghalihom fil-ftehim originali tal-20 ta' Settembru 2012.

Jirrizulta illi l-intimat Samuel Grech telaq minn mal-General Workers Union peress illi ma kienx qed jaqbel ma' certi decizjonijiet illi kienet qed tiehu l-Union fil-konfront tal-haddiema ta' l-Arriva.

Jirrizulta illi l-intimat Samuel Grech kien qieghed jilmenta illi r-rata miftiehma mill-Union kienet ta' €4.20 fis-siegha u kienet rata baxxa hafna u huwa ried li r-rata tkun ta' €6 fis-siegha, bhalma hemm barra minn Malta.

Jirrizulta illi l-intimat Samuel Grech kien anke qed jilmenta illi ma kienx gust li meta xufier jolqot ix-xarabank illi kien qieghed isuq jew jaghmel xi hsara fiha jinghata warning mis-socjeta Arriva, u kien qieghed ihoss illi l-Union ma kienetx qieghda taqbez ghad-drittijiet tal-haddiema.
Jirrizulta illi l-intimat kien gie intervistat mill-gazzetta Il-Mument u kien ilmenta mal-gazzetta illi l-Union kienet qieghda tiddiskuti kollox bil-mohbi tal-impjegati u l-impjegati ma kienux qed ikunu infurmati b'kollox, lanqas meta il-ftehim kien ser jigi ffirmat.

Jirrizulta, madanakollu, illi l-intimat Samuel Grech stqarr illi huwa ma kienx jaf ezattament x'kien il-ftehim milhuq mill-General Workers Union, peress illi ma baqax involut fin-negozjati u ma kienx jaf il-kontenut tal-ftehim iffirmat u wisq anqas meta attwalment gie iffirmat il-ftehim.

Jirrizulta illi l-ftehim kollettiv illi kien ser jigi ffirmat gie diskuss mal-Membri kollha li gew imsejha mill-GWU u ttiehed vot sigriet fuq l-istess ftehim, illi ghalih ivvutaw favur disghin fil-mija tal-persuni presenti.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi fl-artikolu meritu tal-kawza odjerna, l-intimat Samuel Grech ghamel is-segwenti allegazzjonjiet:

> *"Tony Zarb u l-General Workers' Union jew ma jaghmlu xejn jew jahdmu kontra l-interessi tal-haddiema"*
>
> *"Lanqas hemm haga favur il-haddiema f'dan il-kuntratt li qed tinnegozja mal-Arriva"*
>
> *"Il-GWU acctta dawn il-kundizzjonijiet u qed taccetta li tiffrima kuntratt li jghid li anke sa tlett snin ohra dawn il-haddiema se jkunu ghadhom jithaddmu bil-prekarjat"*

Jirrizulta wkoll illi l-intimat Samuel Grech jishaq illi rizultat ta' l-azzjonijiet tal-GWU, 450 xufier tal-General Workers' Union telqu u ffurmaw House Union, liema xufiera lkoll iffirmaw dokument illi huwa wera lill-gazetta Il-Mument waqt l-intervista.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti, qabel xejn, tosserva illi r-rikorrenti jidher illi qieghed jilmenta dwar l-istorja rrapurtata fil-gazzetta Il-Mument fil-kapacita' personali tieghu stante illi, ghalkemm jidher illi gia indikat l-indirizz tal-General Workers Union bhala l-indirizz tieghu, ma jidhirx indikat illi huwa nieda l-proceduri odjerni bhala Segretarju Generali tal-General Workers Union, u ghalhekk il-Qorti qieghda tikkonkludi illi tal-proceduri ttiehdu minnu fil-kapacita' personali tieghu.

Il-Qorti tosserva wkoll illi l-istorja pubblikata fil-gazzetta Il-Mument kienet ibbazata unikament fuq intervista illi ta' l-intimat Samuel Grech ftit qabel ma dehret l-istorja, u tosserva illi tali storja harget ftit gimghat qabel l-elezzjoni generali illi kienet ser tinzamm f'Marzu tas-sena 2013.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi x-xhieda moghtija minn Samwel Grech, ix-xhud principali tal-kaz, ma tantx kienet wahda konvincenti stante illi l-intimat Grech wera illi huwa ma kellu ebda

informazzjoni dwar il-ftehim illi kien attwalment gie iffirmat u l-kummenti tieghu kienu bbazati unikament fuq supposizzjonijiet illi huwa kien ghamel minghajr ma ghamel il-verifiki necessarji.

L-intimat Grech, fl-intervista tieghu, sahaq illi rizultat tan-nuqqasijiet tar-rikorrenti Tony Zarb u l-GWU, 450 membru kienu telqu u ffurmat House Union illi taghha kien il-President. Sahaq ukoll, fl-intervista, illi dawna kienu kollha iffirmaw dokument, liema dokument huwa wera lill-gurnalist hekk kif kienet qed issirlu l-intervista. Madanakollu, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi fil-proceduri odjerni l-intimat naqas milli jipproduci tali dokument lill-Qorti sabiex jissustanzja l-allegazzjonijiet tieghu. Tali dokument fil-pussess tal-Qorti kien certament jimmilita favur l-kredibilita’ ta’ l-intimat Grech fl-allegazzjonijiet tieghu kontra r-rikorrent Zarb, u il-fatt illi tali dokument ma tressaqx ma jistax ma jwassalx lill-Qorti sabiex tikkonkludi illi attwalment tali dokument jew ma kienx jesisti jew inkella ma kellux in-numru allegat mill-intimat fl-invertista tieghu.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi l-intimat telaq mill-GWU bi glied u dana ibbazat principalment fuq il-fatt illi r-rata li kienet qed tigi negozjata kellha tkun ta’ €6 fis-siegha u mhux €4.20 kif kienet qed tinnegozja l-GWU. Jirrizulta, madanakollu, illi ma kienx minnu dak allegat mill-intimat Grech, peress illi r-rata miftiehma mal-Arriva Malta Limited kienet attwalment ta’ €4.41 fl-ewwel sena li tizdied regolarment sakemm tasal ghar-rata ta’ €6 fis-siegha wara erbgha snin

Il-Qorti ma tistax ma tikkonkludix illi l-intimat Samuel Grech kien telaq minn mal-General Workers Union bi glied u, bhala rizultat, ghamel il-kummenti fil-konfront ta’ Tony Zarb u il-General Workers Union unikament bl-intenzjoni illi jaghmel hsara lir-reputazzjoni ta’ l-istess Tony Zarb u l-General Workers Union.

**Ikkunsidrat**

Id-difiza mqajjma miz-zewgt intimati fil-kawza odjerna kienet illi l-kummenti illi saru kienu ‘*fair comment*’ fuq fatti sostanzjalment veri illi kienu ta’ interess pubbliku u ghalhekk ma setghux jitqiesu bhala malafamanti.

Ikun opportun, ghalhekk, illi wiehed jifhem x’inhuma l-principji illi jirregolaw id-difiza tal-‘*fair comment*’ bil-ghan illi wiehed ikun jista jikkunsidra l-fatti kif fuq stabbiliti fl-ottika tal-principji generali tad-difiza tal-‘*fair comment*’.

Dwar tali difiza **Gatley on Libel and Slander** jghid:

> *To succeed in a defence of fair comment the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of. Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If, however, the plaintiff can show that the comment was not made honestly or was actuated by malice, he will defeat the plea.*

Fil-kawza **Dr Louis Galea vs Etienne St John u Felix Agius** deciza fit 30 ta’ April 2015, tali principji gew minnha mhaddna u spjegati kif gej :

> *... dwar l-aspett tad-difiża tal-kumment ġust ilu żmien jingħad mill-Qrati tagħna li, biex id-difiża tal-kumment ġust tkun tgħodd, jeħtieġ li min jistrieħ fuqha jseħħlu juri li (a) l-kumment kien imsejjes fuq fatt li jkun issemma fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment; (b) il-fatt imsemmi jrid ikun sostanzjalment minnu; (ċ) il-kumment irid jintwera li jkun ġustifikabbli jew mistħoqq; (d) il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żeblieħ, tgħajjir jew insolenza; u (e) irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u li l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma saritx b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun.*

Tali taghlim huwa anke riflessa fil-kawza **Spiller vs Joseph** deciza mill-Qorti tal-Appell Ingliza fl 1 ta' Dicembru 2010, fejn Lord Phillips ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet meta wiehed iqis id-difiza ta' 'fair comment':

> *... defendant had to establish that: (i) the words complained of were comment; (ii) the comment was on facts; (iii) the facts commented on constituted a matter of public interest; (iv) the comment was objectively "fair"; that is the comment was one that was capable of being honestly founded on the facts to which it related, albeit by someone who was prejudiced and obstinate; (v) the comment represented the defendant's honest opinion. If he discharged all these burdens, the defence could none the less be defeated by proof of malice on the part of the defendant, but the onus of proving malice lay on the plaintiff. Both the Court of Appeal and the House of Lords held that there was no burden on the defendant to establish the fifth element. The defendant's honesty was assumed unless the plaintiff could disprove it by establishing malice.*

Finalment, dwar il-kuncett ta' '*value judgment*', il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, fil-kawza **Jerusalem vs Austria** (2003) EHRR 567,para 43, tghid is-segwenti:

> *... even where a statement amounts to a value judgment, the proportionality of an interference may depend on whether there exists a sufficient factual basis for the impugned statement, since even a value judgment may be excessive if it has no factual basis to support it ."*

Jirrizulta car, ghalhekk, mill-gurisprudenza fuq imressqa, illi hemm sabiex id-difiza ta' '*fair comment*' u '*value judgment*' tirnexxi, irid jigi ppruvat illi dak allegat huwa bbazat fuq fatti sostanzjalment veri.

## Ikkunsidrat

Mill-provi kif migjuba fil-kawza odjerna, partikolarment ix-xhieda ta' Samuel Grech, jirrizulta bl-aktar mod car illi l-fatti allegati mill-intimat Grech, partikolarment dawk indirizzati lejn ir-rikorrenti Tony Zarb, ma kienux sostanzjalment veri, peress illi minn imkien ma jirrizulta ppruvat illi hu "*jew ma jaghmel xejn, jew inkella jahdem kontra l-interessi tal-haddiema*", kif allega l-intimat.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-intimat Grech ma kienx kapaci jipproduci haddiem wiehed mill-mijiet ta' haddiema illi kienu impjegati mal-Arriva sabiex jissustanzja l-allegazzjoni tieghu u wisq anqas ma gab ebda prova biex juri illi attwalment 450 haddiem kienu iffirmaw dokument fejn oggezzjonaw ghall-agir tal-GWU u marru jirffurmaw House Union separata.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi ghalkemm l-intimat Grech sahaq illi l-GWU ma kienetx hadmet sabiex tottjeni paga ta' €6 fis-siegha, jirrizulta mid-dokumentazzjoni esebita mir-rikorrent, illi attwalment il-paga ta' €6 fis-siegha kienet parti mill-ftehim minnha milhuq.

Il-Qorti ukoll ma tistax ma tosservax illi filwaqt li lill-gurnal Il-Mument, l-intimat Grech kien sahaq illi l-paga li kienu ser jiffirmaw il-ftehim ghalih kien ta' €4.20 fis-siegha, attwalment il-ftehim, li kien gie iffirmat hames xhur qabel, kien jikkontempla paga inizzjali ta' €4.40 fis-siegha illi kienet eventwalment tizdied gradwalment ghall €6 fis-siegha fuq medda ta' erbgha snin.

Certament, ghalhekk, illi l-fatti illi dwarhom kien qieghed jikkummenta l-intimat Grech kienu skorretti, u ghalhekk il-Qorti tikkonkludi illi huwa ma jistax javvala ruhu mid-difiza tal-'*fair comment*', u ghandu jinzamm responsabbli ghall-kummenti illi huwa ghamel fil-konfront ta' Tony Zarb.

**Ikkunsidrat**

Fil-kawza odjerna, ir-rikorrenti nieda l-proceduri kemm kontra il-persuna illi kienet qed tigi intervistata, ossija Samuel Grech, kif ukoll l-editur tal-gazzetta illi ppubblikat tali intervista, ossija Victor Camilleri.

Il-Qorti tifhem illi huwa obbligu ta' gurnalist illi jgharraf lill-pubbliku dwar affarjiet illi huwa ta' interess pubbliku, u certament il-qaghda tal-haddiema tal-Arriva, illi kienet tipprovdi is-servizz ta' Trasport Pubbliku dak iz-zmien, kien ta' interess pubbliku.

Il-Qorti tifhem ukoll illi l-gurnal kien qieghed jaghmel ix-xoghol tieghu investigattiv meta ghazel illi jintervista lill-intimat Samwel Grech dwar il-kwistjonijet illi kienu qed jolqtu lill-haddiema tal-Arriva, u dana kienet qieghda taghmlu sabiex tgharraf lill-qarrejja taghha b'dak illi kien qieghed jigri.

Il-Qorti, madanakollu, tosserva illi tali intervista ma tistax titqies bhala privileggjata a tenur tal-Kap 248, u ghalhekk, l-editur jibqa responsabbli ghal dak illi jigi rrappurtat fl-intervista.

Il-Qorti tosserva wkoll illi l-gurnal il-Mument, qabel ma ghadda biex jippubblika l-istorja meritu tal-kawza odjerna, naqas milli jiehu l-kummenti tar-rikorrent Tony Zarb u il-GWU, u il-Qorti tistab certa illi kieku ottjeniet il-kummenti tieghu, il-hsara illi minnu jilmenta ir-rikorrent Tony Zarb kien ikun kkontenut hafna, stante illi l-qarrej kien ikun inghata stampa shiha ta' l-istorja kollha, u mhux jisma naha wahda ta' l-istorja.

Finalment, il-Qorti tosserva illi gurnalizmu serju jirrikjedi illi r-rappurtagg ikun imparzjali minghajr ebda kummenti illi jistghu b'xi mod jinfluwenzaw il-qarrej ordinarju, u certament il-mod kif gie redatt l-intervista u l-artikolu ma kienx wiehed illi jaghti stampa imparzjali talfatti – huwa ghalhekk illi l-editur ghandu jitqies bhala responsabbli wkoll, ghalkemm fi grad anqas, tal-hsara illi saret lir-rikorrent.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tar-rikorrent u l-intimat Victor Camilleri

**Tghaddi** biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha taz-zewgt intimati,

**Tilqa** t-talbiet attrici u ghalhekk

**Tiddikjara** l-artikolu illi gie ppubblikat fil-harga tal-gazzetta 'Il-Mument' fis-17 ta' Frar 2013 intitolat '*Il-GWU tahdem kontra l-interessi tal-haddiema*", bhala malafamanti u libelluz fil-konfront ta' Tony Zarb, u ghalhekk

**Tikkundanna** lill-intimat Samwel Grech ihallas lir-rikorrent is-somma ta' elf u tmien mitt Euro (€1800) in linea ta' danni a tenur tal-Kap 248 u

**Tikkundanna** lill-intimat Victor Camilleri ihallas lir-rikorrent is-somma ta' mitejn Euro (€200) in linea ta' danni a tenur tal-Kap 248.

Spejjez tal-kawza huma pagabbli lir-rikorrent u ghandhom jigu sopportati, kwantu ghal disa partijiet minn ghaxra, mill intimat Samwel Grech u kwantui ghal parti minn ghaxra mill-intimat Victor Camilleri.

Imghax hija dovuta skond il-ligi mill-intimati fuq is-somma lilhom ikkundannat mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur